MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1205/1995/1

**Osea Micallef**

**v**

**Charles Tonna**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qort Civili fil-11 ta' Settembru, 1995 l-attur ppremetta illi nhar is-27 ta' Awissu 1993 ghal habta tas-6.00 p.m. fil-pjazza

Rotunda Mosta, il-konvenut kien hebb ghal u sawwat lill-attur bil-konsegwenza li l-istess attur sofra feriti ta’ natura gravi u permanenti f’wiccu, Dok. A; illi l-konvenut kien responsabbli tal-istess incident u ghal griehi li gew inflitti fuq l-attur; illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu kkagunati fuq l-attur, huwa baqa’ inadempjenti; wara dan talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-incident fuq imsemmi;
2. tillikwida, okkorrendo pemezz ta’ periti nominandi, d-danni kagunati inkluzi dawk konsegwenzjali (lucrum cessans) sofferti mill-istess attur;
3. tikkundana lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni kollha hekk kif likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ ittri ufficjali datati 6 ta’ Settembru 1993 u 14 ta’ Awissu 1995 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li minn issa qieghed jigi ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fis-27 ta’ Novembru, 1995 l-konvenut eccepixxa:-

1. illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li kien l-attur li hebb u sawwat lill-konvenut u l-konvenut iddefenda lilu nnifsu u ghalhekk ma jistax jippretendi danni ghall-incident imqanqal mill-istess attur.
2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit li sfregju ma jikkostitwix dizabilita`.

Man-nota tal-eccezzjonijiet il-konvenut pprezenta kontro-talba fejn, b’referenza ghall-istess incident imsemmi fic-citazzjoni attrici, allega li kien hu li sofra danni tort tal-attur u li konsegwentement l-istess attur kellu jigi dikjarat responsabbli u kundannat ihallas lill-konvenut id-danni li jigu likwidati mill-Qorti.

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghall-imsemmija kontro-talba fl-ewwel lok l-attur issolleva l-preskrizzjoni ta’ sentejn, filwaqt li fil-mertu eccepixxa li huwa ma kkaguna ebda danni lill-konvenut anzi li kien dan li kkagunalu danni.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tat-2 ta' Mejju, 2002 billi, fi kliem l-istess sentenza:-
"filwaqt li tiddikjara l-attur bhala l-persuna responsabbli ghall-incident, riferibilment ghat-talbiet ta' l-attur, tiddikjara li l-konvenut Tonna huwa responsabbli fi grad ta' nofs ghad-danni li sofra l-istess attur Osea Micallef, tillikwida ta' dawn id-danni li sofra Osea Micallef, fis-somma ta' LM1950 u tikkundanna lill-konvenut Tonna, jhallas lill-attur nofs din is-somma cioe` is-somma ta' LM975.00. Ghar-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut, il-Qorti tiddikjara lill-attur Micallef responsabbli ghal griehi li sofra l-imsemmi Tonna, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' LM1560.00, u tikkundana lill-Micallef ihallas lil Tonna dik is-somma ta' LM1560. Peress li bejn dawn iz-zewg krediti, topera tpacija, peress li issa z-zewg ammonti gew kristalizzati, ir-rizultat finali huwa li l-attur Micallef, ghandu jhallas lill-konvenut Tonna, id-differenza bejn iz-zewg ammonti u cioe`, is-somma ta' LM585.00, u ghalhekk, finalment, tiddisponi mit-talbiet u kontro-talbiet billi tikkundanna lill-imsemmi l-attur Osea Micallef ihallas lill-konvenut Charles Tonna dik is-somma bilancjali ta' LM585.00. L-ispejjes tal-kawza jithallsu, kwantu ghall-tlett kwarti mill-attur Osea Micallef, u kwantu ghall-kwart mill-konvenut Charles Tonna."

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel qorti stqarret certa difficulta` biex tasal ghall-konkluzzjoni dwar minn kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni billi, kif qalet dik il-qorti, ma tressqu ebda xhieda okulari indipendenti, u l-partijiet u l-familjari taghhom, li kienu prezenti waqt l-incident, taw verzjoni ghal kollox konfliggenti. L-ewwel Qorti nfatti dehrilha li, biex tasal ghall-konvinciment morali ta' kif effettivament marru l-affarijiet, oltre li taghmel referenza ghall-provi prodotti f'dawn il-proceduri, kellha tistrieh ukoll fuq ir-rizultanzi fi proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tal-konvenut Tonna fejn il-Qorti tal-Magistrati, li ppronunzjat is-sentenza, mhux biss kellha l-vantagg li tisma' l-kaz vicin hafna ta' meta gara l-incident, izda wkoll

kellha l-opportunita` li tisma’ x-xhieda ta’ terza persuna li kienet prezenti u rat l-istess incident. Din il-persuna, tghid l-ewwel qorti, ghalkkemm tissemma fil-mori tal-kawza qatt ma tresqet bhala xhud. Kien ghalhekk li l-ewwel qorti stabilit li l-incident sehh “*meta Micallef agredixxa lil Tonna, u tah daqtejn ta’ ponn waqt li dan kien ghadu bilqeghda fil-karozza. Tonna da parti tieghu irreagixxa, hareg mill-karozza, imbotta lil Micallef bil-bieba tal-karozza u xejjirlu daqqiet ta’ ponn f’wiccu, biex b’hekk ikkaguna griehi lil Micallef*”.

Dan premess l-ewwel qorti ghaddiet biex tiddecidi fuq t-talbiet rispettivi tal-partijiet dwar responsabbilita` ghad-danni billi qalet li la darba l-incident kien ipprovokat mill-attur, id-danni kollha sofferti mill-konvenut kellu jbatihom l-istess attur. Biss, billi r-reazzjoni tal-konvenut ghall-aggressjoni tal-attur, kienet, fil-fehma ta’ dik il-qorti, wahda eccessiva, kellha tinstab kontributorjeta` fil-konvenut ghad-danni sofferti mill-attur. Liema kontributorjeta` giet stabilita` fi grad ta’ 50%.

Wara dan l-ewwel qorti ghaddiet biex tillikwida d-danni sofferti miz-zewg kontendenti u finalment waslet ghall-ammonti li jirrizultaw hawn fuq.

**L-appell tal-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b’rikors ipprezentat fis-27 ta’ Mejju, 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza imsemmija billi tichad it-talbiet kollha ta’ l-appellat Charles Tonna filwaqt li tilqa’ t-talbiet tal-appellant Osea Micallef, bl-ispejjes kontra l-istess konvenut appellat.

Il-konvenut ma ressaq ebda risposta bil-miktub, biss deher fl-udjenza tat-18 ta’ Jannar, 2005 flimkien mad-difensur tieghu. F’dik is-seduta d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell, u wara dan thalla ghas-sentenza.
L-aggravji mressqa mill-attur appellant jikkoncernaw:-

1. il-fatt li l-ewwel qorti, minflokk iddecidiet il-kaz fuq il-provi li gew prodotti quddiema, strahet, inter alia, fuq r-rizultanzi fi proceduri kriminali.
2. Il-mod kif gew likwidati d-danni billi fil-konfront ta’ l-attur appellant r-responsabbilita` ghad-danni minnu subiti giet apporzjonata bejn il-kontendenti fi kwoti ndaqs, mentri dan l-ezercizzju ma giex ripetut meta gew likwidati d-danni tal-konvenut.
3. Il-fatt li ma ngiebet ebda prova mil-konvenut li l-griehi li garrab kienu ser jikkagunawlu danni materjali, u li fi kwalunkwe kaz dizabilita` ta’ 2% ma tiggustifikax likwidazzjoni ta’ danni.
4. Li l-aggressjoni kien sofriha l-attur appellant u mhux vice-versa.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

L-aggravji mressqa mill-attur appellant mehudin flimkien ma huma xejn hlief kritika tal-apprezzament li ghamlet l-ewwel qorti tal-provi li ngiebu quddiemha sabiex waslet biex tistabilixxi ezattament dak li kien gara. Kif gja nghad hawn fuq il-qorti ta’ prim istanza mill-ewwel hasset li bil-provi konfliggenti li gew prodotti quddiemha kien difficili ghaliha li tasal ghall-konkluzzjoni dwar min mill-partijiet kien qed ighid il-verita` u konsegwentement li tasal biex tiddeciedi ezattament kif sehh l-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri. Certament ma hemmx dubbju, kif osservat l-ewwel qorti, li l-partijiet gew fl-idejn u li bhala rizultat, it-tnejn sofrew griehi. Ghaldaqstant il-kwistjoni li kellha tezamina u tiddeciedi dwarha dik il-Qorti kienet tmur oltre u cioe` jekk l-incident kienx gie provokat minn xi wahda mill-partijiet, fliema kaz dik il-parti kellha tirrispondi fi shih ghall-aggresjoni taghha, u fit-tieni stadju jekk ir-reazzjoni tal-parti aggredita kienitx jew le gustifikata. Kien fid-dawl ta’ dan kollu, u sabiex tigi evitata decizjoni fejn il-Qorti tghid “*li hadd mill-partijiet ma pprova l-kaz tieghu u b’hekk tichad it-talbiet, kemm ta’ l-attur kif ukoll tal-konvenut*[1]” li l-ewwel qorti rrikorriet u ghamlet referenza ghar-rizultanzi tal-proceduri fil-kawza kriminali u senjatament ghas-sentenza a fol. 66 <u>et seq.</u> esebita <u>mill-istess attur illum</u>

[1] Ara fol. 10 tas-sentenza appellata.

appellant. Dan ukoll billi l-Qorti ta' l-ewwel grad hasset li f'dawk il-proceduri kienu hargu ezattament il-fatti tal-kaz stante li l-istess proceduri kienu nstemghu vicin id-data tal-akkadut u minhabba l-fatt ukoll li hemm kienu xhedu persuni indipendenti. Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti ma thoss li la ghandha ticcensura d-diskrezzjoni u lanqas tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta' dik il-Qorti. Ghalhekk l-ewwel u r-raba' aggravji tal-appellant qed jigi michuda. Jekk l-appellant esebixxa quddiem l-ewwel Qorti kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, sinjal li dan ghamlu ghax emmen li din kellha valur probatorju. Ma jistax issa huwa jilmenta ghax l-ewwel Qorti irreferiet proprju ghal dik is-sentenza biex tikkjarifika l-fatti.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant, mehud fil-kuntest ta' dak li rriteniet l-ewwel qorti dwar kif sehh l-incident, ma ghandu ebda validita` billi gialadarba dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-aggrassjoni ta' l-attur kienet tat lok ghall-incident, kien dan li kellu jirrispondi "in toto" ghad-danni subiti mill-konvenut. Ghal kuntrarju l-posizzjoni tal-konvenut viz-a-viz id-danni subiti mill-attur hija biss wahda ta' kontributorjeta` billi dik il-Qorti sostniet li r-reazzjoni tieghu ghall-aggressjoni subita, kienet eccessiva.

Dwar it-tielet aggravju u cioe` dak li jikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni subiti mill-konvenut din il-Qorti ma tara xejn hazin bil-mod kif ipprocediet l-ewwel qorti. Infatti l-griehi u d-dizabilita` gew stabbiliti minn esperti medici u l-mod kif saret il-likwidazzjoni hija konformi ma' dak li, ghal diversi snin, gie adottat minn dawn il-Qrati. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjes ta' dan l-appell ghandu jbaghtihom kollha l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------